MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 80/1996/1

Raymond Formosa

vs

Victor Zammit

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi huwa esegwixxa appalt konsistenti f'bini ta' razzett fil-proprjeta' ta' l-istess konvenut, fil-kuntrada "Ta' Tutiet" fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, liema appalt ġie esegwit għas-sodisfazzjon ta' l-istess konvenut .

Illi l-konvenut baqa' ma ħallasx il-prezz ta' dan l-appalt, liema ħlas kellu jsir, kif normalment isir skond l-użanza fir-rata korrenti ta' tant il-qasba kwadra jew metru kwadru .

Illi għalkemm l-attur debitament interpella lill-konvenut sabiex jiġi likwidat il-ħlas lilu dovut dana baqa' inadempjenti .

Illi l-kalkolu tal-ħlas jista' biss isir billi jitkejjel ix-xogħol li sar, iżda l-konvenut qed jirrifjuta li jhalli lil xi ħadd imur ikejjel il-bini .

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandiex din il-Qorti :

1. Likwidat, jekk hemm bżonn b'opera ta' periti nominandi l-prezz ta' l-appalt esegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut .

2. Tikkanonizza lill-attur fil-konfront tal-konvenut, kreditur fl-ammont hekk likwidat .

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat .

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Marzu, 1996, bl-imgħaxijiet legali, kollha kontra l-konvenut li jibqa' minn issa mħarrek għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur, konfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa :

1. Illi l-konvenut qatt ma ċaħad li jħallas lill-attur il-ħlas ġust dovut lilu fit-termini tal-appalt oriġinarjament mogħti lilu purche' jitnaqqsu l-pagamenti akkont magħmul mill-konvenut .

2. Illi pero' hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar il-mod kif għandu jiġi kkomputat il-ħlas pretiż mill-attur u ċioe' jekk hux bit-tant kull qasba kwadra kif qiegħed jitlob l-attur jew bil-ġurnata kif qed jissottometti l-konvenut li kien il-ftehim bejn il-partijiet .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut kkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat il-verbal tagħha tal-5 ta' Mejju 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti u affidavits esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed ifittex li jitħallas mingħand il-konvenut għall-bini ta' razzett li għamillu fiż-Żebbuġ, Għawdex . Il-kontendenti mhumiex jaqblu dwar il-modalitajiet tal-ħlas, għaliex filwaqt illi l-attur qed isostni illi dan kellu jsir bl-imqieta, u ċioe' billi jitkejjel ix-xogħol kollu, l-konvenut qed isostni illi l-ftehim kien illi l-attur kellu jitħallas bil-ġurnata, u ċioe' skond kemm hu u l-ħaddiem li kellu miegħu għamlu siegħat ta' xogħol kull jum fil-bini ta' dan ir-razzett .

Ovvjament ma saret ebda skrittura li tirregola xi ftehim li seta' ntlaħaq bejn il-kontendenti meta l-attur aċċetta li jidħol għal dan l-appalt . Il-Qorti trid għalhekk neċessarjament toqgħod fuq il-provi prodotti biex tiddeċidi liema miż-żewġ verzjonijiet hija l-iktar verosimili fiċ-ċirkostanzi tal-każ .

L-attur, għalkemm jammetti illi fil-bidu l-ftehim kien tassew li x-xogħol isir bil-ġurnata, għax l-intenzjoni oriġinarjament kienet li tinbena kamra biss, isostni illi billi kull ma jmur ix-xogħol beda jiżdied, il-ħlas kellu mbagħad isir bil-kejl, u b'dan informa lill-konvenut . Fil-fatt huwa spjega kif għal xogħol żgħir jaċċetta illi jitħallas bil-ġurnata, imma fejn ix-xogħol ikun imdaqqas, dejjem jitħallas bl-imqieta . Anthony Sultana, lavrant ma' l-attur li ħadem miegħu fil-bini ta' dan ir-razzett, ma seta' jagħti ebda informazzjoni dwar x'kien il-ftehim bejn il-kontendenti .

Il-konvenut, minn naħa l-oħra jikkontendi illi huwa minn dejjem ried li x-xogħol jitħallas bil-ġurnata, tant illi qabel ma ftiehem ma' l-attur, kien avviċina lil bennej ieħor, ċertu Frankie Cefai u saqsieh jekk kienx lest jaħdimlu bil-ġurnata . Dan irrifjuta, u fuq hekk il-konvenut ġie korroborat mill-istess Frankie Cefai . Għalhekk kellem lill-attur u rranġa miegħu, b'din il-kundizzjoni .

Irriżulta bħala fatti ċirkostanzjali li fuqhom qablu ż-żewġ naħat illi l-materjal kollu meħtieġ għall-bini ta' dan ir-razzett inxtara u twassal fuq il-post dejjem mill-konvenut . Il-*generator* biex ikun jista' jsir ix-xogħol, billi ma kienx hemm provvista ta' *luce elettrika* fuq il-post, ġie provdut mill-konvenut . L-istess konvenut kien jahdem flimkien ma' l-attur u l-lavrant tiegħu fuq il-lant tax-xogħol, billi kien iwassal il-ġebel fuq il-post bit-truck tiegħu, iġorrilhom il-ġebel sa fejn ikun qed isir il-bini, u ġeneralment jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex il-bennej u l-lavrant tiegħu jkunu jistgħu itellgħu il-ħitan, b'iktar effiċjenza . Sew l-attur kif ukoll il-konvenut żammew *record* tas-siegħat kollha minn ġurnata għall-oħra li fiha kienu jaħdmu l-attur u l-lavrant tiegħu . Dawn jirriżultaw mid-*diary* esebit mill-attur u mill-kopji fotostatici ta' paġni minn *diary* ieħor miżmum mill-konvenut . B'dana kollu la wieħed u lanqas l-ieħor ma għandhom ebda dettalji dwar ix-xogħol kollu maħdum mill-konvenut . Sinjifikanti wkoll illi waqt illi kien qed isir il-bini tal-konvenut, l-attur intalab jagħmel xogħol ta' bini ta' kamra lill-oht il-konvenut . Ta' dan ix-xogħol l-attur tħallas ukoll bil-ġurnata .

Dawn il-fatturi kollha jagħtu l-Qorti x'tifhem illi l-ftehim kien tassew kif sostnut mill-konvenut u l-ħlas lill-attur kellu jkun bil-ġurnata . Altrimenti xi skop kellu l-attur li jżomm *record* tal-ħinijiet maħduma minnu u mill-lavrant tiegħu, u ma jieħu ebda notamenti dwar il-kontribut sinjifikanti, li huwa jirrikonoxxi li kien qed jagħtih il-konvenut, anke f'ħinijiet li huwa ma kienx ikun għadu wasal fuq il-lant tax-xogħol ? Hekk ukoll bil-ħlas bil-kejl, wara li tlesta x-xogħol, kien ser ikun diffiċli jiġi stabilit kemm kien hemm ġebel mirdum, li ma kienx neċessarjament kullimkien ta' l-istess livell, meta dan soltu jitkejjel hekk kif ikun miexi x-xogħol .

Il-konvenut jikkontendi illi r-rata ta' ħlas għal kull ġurnata xogħol dovuta lill-attur u l-lavrant li kellu miegħu, għandha tkun l-istess waħda li biha tħallas l-attur għax-xogħol magħmul għand oħt il-konvenut f'dak il-perijodu ukoll . Il-Qorti tifhem illi r-rata ta' lira u tmenin ċenteżmu (Lm1.80) s-siegħa, li toħroġ x'ħin wieħed jaħdem l-ammont indikat fuq l-irċevuta Dok. E esebita a fol. 64, kienet ir-rata korrenti li biha kienu jitħallsu l-bennejja dak iż-żmien u allura m'għandu jkun hemm ebda raġuni għaliex m'għandhiex tiġi adottata l-istess rata sabiex jiġi stabilit dak realment dovut lill-attur . Min-notamenti tal-konvenut li, għall-kuntrarju ta' dawk ta' l-attur, ikopru ż-żmien kollu li l-attur dam biex ħeles dan il-bini, jirriżulta illi dan għamel total ta' tlett mija tmienja u disgħin siegħa u nofs, (398.5 siegħa), filwaqt illi l-lavrant għamel tlett mija disgħa u sittin siegħa (369 siegha) . B'hekk jiġi li għax-xogħol tiegħu l-attur kien ħaqqu seba' mija u sbatax-il lira maltija u tletin ċenteżmu (Lm717.30) u lill-lavrant sitt mija erba' u sittin lira maltija u għoxrin ċenteżmu (Lm664.20), li b'kollox jammontaw għal : elf tlett mija wieħed u tmenin lira maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm1381.50) . Jirriżulta pero' illi l-konvenut kien għamel żewġ pagamenti ta' ħames mitt lira maltija (Lm500) il-wieħed (Dok. D a fol. 63) akkont lill-attur waqt li kien għadu għaddej ix-xogħol, u allura jiġi li l-attur fadallu jieħu bilanċ ta' tlett mija wieħed u tmenin lira maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm381.50) .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi fis-sens limitat pero' illi l-konvenut għad baqgħalu x'jagħti lill-attur, tillikwida l-ammont li għadu dovut fis-somma ta' tlett mija wieħed u tmenin lira maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm381.50) u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur din is-somma, bl-imgħaxijiet dekorribbli mill-lum sad-data tal-pagament effettiv .

L-ispejjeż, billi ma kienx il-każ li l-konvenut ma riedx iħallas dan il-bilanċ, imma l-attur li ppretenda li jitħallas bil-kejl minflok bil-ġurnata, kontra dak li rriżulta li kien il-ftehim, għandhom jiġu ssoportati mill-attur innifsu .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------